**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Rik. Kost. 723/2021 RGM**

**Claude Grima et.**

**v.**

**Emmanuel Ellul et.**

**Il-Qorti**

*Dan huwa provvediment dwar talba ta' wieħed mill-konvenuti sabiex il-Qorti twaqqaf is-smiegħ tal-kawża sakemm l-atturi jresqu l-prova illi saru d-dikjarazzjonijiet causa mortis ai termini tal-**Artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta)** dwar l-immobbli mertu tal-kawża.*

1. Permezz tal-kawża odjerna, l-atturi, ħmistax-il persuna b'kollox, sidien ta' l-art magħrufa bħala 'Ta' Grajda', aċċessibbli ġia minn Triq ir-Ramla, illum minn Triq San Tumas, Iż-Żejtun, fiż-żona magħrufa bħala Ħal-Tmiem, qed jitolbu lill-Qorti

tiddikjara illi l-qbiela li l-konvenut Emanuel Ellul għandu favur tiegħu fuq l-art imsemmija tikser id-dritt fundamentali tagħhom protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, bl-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

2. B'rikors tat-8 ta' Marzu, 2023 il-konvenut Emanuel Ellul, għar-raġunijiet hemm miġjuba, talab lill-Qorti twaqqaf is-smiegħ ta' din il-kawża sakemm l-atturi iresqu "prova illi t-taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet debitament imħallsa meta saru 'l fuq imsemmija trasferimenti *causa mortis*…."

3. B'risposta tad-9 ta' Marzu, 2023 l-Avukat tal-Istat irrimetta ruħu, filwaqt li b'risposta tas-27 ta' April, 2023 l-atturi, għar-raġunijiet hemm miġjuba, qed jopponu għar-rikors tal-konvenut Ellul.

4. Semgħat lill-abbli avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2023.

5. Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment.

Ikkunsidrat;

6. Permezz tar-rikors tiegħu tat-8 ta' Marzu, 2023 il-konvenut Emmanuel Ellul jissottometti illi din il-Qorti għandha tissospendi s-smiegħ tal-kawża odjerna sakemm l-atturi jġibu l-prova illi "t-taxxa dovuta skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet debitament imħallsa meta saru 'l fuq imsemmija trasferimenti *causa mortis*.....".

7. Il-konvenut Ellul jimmotiva t-talba tiegħu billi filwaqt li jiċċita artikolu 63 tal-Kap. 364 jgħid illi mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli jirriżulta li matul l-aħħar għaxar snin xi sehem mill-proprjeta' mertu ta' din il-kawża ddevolva permezz ta' trasferimenti *causa mortis* u cioe' s-sehem li kien jappartjeni lil Henry Gauci Borda li miet fit-30 ta' Ottubru, 2015 u s-sehem li

kien jappartjeni lill-Maġistrat Gawdenz Borg li miet fid-9 ta' Frar, 2021. Jgħid illi mill-atti ma jirriżultax li fir-rigward ta' dawn l-ishma saru d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* u li tħallset it-taxxa dovuta fuq dawn il-proprjetajiet.

8. Min-naħa tagħhom l-atturi qed jopponu għal dan ir-rikors. Iresqu s-segwenti raġunijiet in sostenn tal-opposizzjoni tagħhom. Jissottomettu, illi meta artikolu 63 (1) tal-Kap. 364 jinqara fil-kuntest tal-bqija tal-liġi, dak li l-liġi trid li tipprevjeni huwa li xi ħadd jagħmel "xi talbiet kontra l-gvern meta hu ikun għad irid jħallas il-flus lil gvern abbażi ta' xi disposizzjoni tal-Kapitolu 364"; illi l-konvenut naqas milli jindika iż-żmien preskritt li fihom kellhom isiru d-dikjarazzjonijiet *causa mortis*; illi l-liġi trid li wieħed ma jistax jippretendi flejjes mingħand il-Gvern meta possibilment għandu hu jagħti flus lill-Gvern abbażi ta' xi dikjarazzjoni *causa mortis*; illi dan il-provvediment huwa intiż għall-krediti ordinarji u mhux għall-kumpens ordnat mill-Qorti minħabba ksur ta' xi jedd fundamentali; illi jkun kontro sens jekk meta l-atturi qed ifittxu għall-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom minħabba li qed jirċevu qbiela irriżorja ta' art mdaqqsa, ma jitħallewx ifittxu rimedju għall-ksur ta' jedd fundamentali għax ma jkunux ħallsu taxxa f'ammont li tisboq il-kera perċepita matul ħafna snin; illi l-aċċess għal rimedju quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandux ikun mittiefes bil-mod kif qed jipproponi l-konvenut Ellul.

Ikkunsidrat;

9. **Artikolu 63[1] tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jinsab f'**Taqsima VII** ta' l-Att, liema taqsima hija intitolata "**Ħarsien tat-Taxxa**" jipprovdi illi :

(1) Ebda persuna li hi marbuta li tagħmel dikjarazzjoni jew li ddaħħal avviż dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skont xi dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li

[1] Art. 63 huwa intitolat "Proċedimenti tal-qorti eċċ. dwar proprjeta' taxxabbli."

jgħaddi ż-żmien preskritt għall-egħmil ta’ dik id-dikjarazzjoni jew avviż tibda jew tmexxi proċedimenti legali, jew tagħmel xi talba f’xi dipartimenttal-Gvern, dwar xi proprjetà li għandha tidħol f’dik id-dikjarazzjoni jew avviż jekk ma jiġix muri li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjetà li għaliha jirreferu l-proċedimenti jew it-talba.

(2) In-nuqqas tal-prova li d-dikjarazzjoni jew l-avviż tkun saret jista’ jiġi eċċepit mill-partijiet f’kull stadju tal-proċedimenti legali, u f’kull każ għandu jitqajjem mill-qorti *ex officio.* Il-proċedimenti legali għandhom imbagħad jitwaqqfu minnufih u ma jistgħux jitkomplew qabel ma jiġi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli għalih jew minn xi persuna oħra interessata.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f’dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħti kull direttiva meħtieġa sabiex il-proprjetà li tkun l-oġġett tal-proċedimenti legali ma ġġarrab ebda preġudizzju.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment *causa mortis* relattiv.

10. Il-konvenut Ellul isosti illi “l-proċedimenti legali” imsemmija fis-sub inċiż wieħed tal-artikolu imsemmi jinkludi l-azzjonijiet fejn jiġi allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali; filwaqt li l-atturi jgħidu illi l-azzjoni minnhom promossa ma taqax fid-definizzjoni ta’ proċediment legali kontemplat fl-artikolu 63.

11. Mill-atti u l-provi miġbura jirriżultaw is-segwenti fatti rilevanti għal dan ir-rikors:

12. L-immobbli mertu tal-kawża jappartjeni lill-atturi kull wieħed u waħda skond is-sehem indiviż rispettiv. Il-konvenut Ellul qed jitlob li l-Qorti tisssospendi s-smiegħ sakemm l-atturi jġibu l-prova illi in segwitu għall-mewt ta’ Henry Gauci Borda u tal-Maġistrat Gawdenz Borg, li t-tnejn kellhom sehem indiviż mill-immobbli u li mietu f’anqas minn għaxar snin qabel ġiet istitwita l-kawża

odjerna, saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* fir-rigward tas-sehem rispettiv tagħhom.

13. Mill-atti jirriżulta illi mhux l-atturi kollha irċevew is-sehem indiviż rispettiv tagħhom mill-writ ta' Henry Gauci Borda u/jew tal-Maġistrat Gawdenz Borg.

14. Jirriżulta illi Henry Gauci Borda, ir-raġel tal-attriċi Angela Gauci Borda nee' Grima, kellu 1/60 sehem indiviż mill-immobbli. Miet fit-30 ta' Ottubru 2015 u permezz tal-aħħar testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Michael Joseph Galea datat 6 ta' Novembru, 2013 ħalla eredi universali tiegħu lil martu l-attriċi Angela Gauci Borda.[2]

15. Mill-banda l-oħra l-Maġistrat Gawdenz Borg, li miet fid-9 ta' Frar 2021, ukoll kellu 1/60 sehem indiviż mill-immobbli. Permezz tal-aħħar testment tiegħu fl-atti tan-Nutar George Cassar datat 18 ta' Settembru, 1991 ħalla l-użufrutt ġenerali ta' ġidu kollu lill-martu l-attriċi Carmelina Borg nee' Grima u eredi universali tiegħu liż-żewġ uliedu Doriette Rizzo Naudi u Lucienne Selvagi f'isħma indaqs bejniethom. Għalhekk iż-żewġ ulied tal-Maġistrat Borg wirtu in-nuda proprjeta' ta' 1/120 sehem indiviż kull waħda minnhom mill-immobbli mertu tal-kawża iżda dawna ma humiex atturi f'din il-kawża għaliex il-kera tispetta lill-ommhom l-attriċi u mhux lilhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

16. **Artikolu 63 tal-Kap. 364** huwa indirizzat lejn dawk il-persuni li huma "marbuta" (i) li jagħmlu dikjarazzjoni jew li jdaħħlu avviż dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment taxxabbli jew (ii) li għandhom iħallsu it-taxxa ai termini tal-Att 364. Artikolu 63 għalhekk ma hux ristrett għat-trasferimenti *causa mortis* imma huwa applikabbli wkoll fejn jirriżulta nuqqas ta' ħlas ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti, irrispettivament mill-oriġini ta' dak it-trasferiment.

[2] Ara fol. 7

**17.** Artikolu 63 għandu jinqara flimkien ma' **Artikolu 33.(1) tal-Kap. 364** li jipprovdi bl-aktar mod ċar illi huwa d-dmir ta' kull min tiġi lilu trasferita proprjetà immobli *causa mortis* li jagħmel dikjarazzjoni ta' dak it-trasferiment permezz ta' att pubbliku fi żmien dak il-perijodu li jista' jiġi stabbilit. Jirċevu *causa mortis* il-werrieta u l-legatarji u fuq dawn jaqa' l-obbligu statutorju illi jagħmlu d-dikjarazzjoni *causa mortis* fit-termini tal-Artikolu 63. Tali obbligu statutorju jibqa' jissussisti sa għaxar snin wara li jseħħ it-trasferiment *causa mortis*.

18. Jidher illi r-raġuni għas-sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji minħabba n-nuqqas kontemplat fl-Artikolu 63 ma tibqax fis-seħħ malli ssir id-dikjarazzjoni *causa mortis*, irrispettivament jekk it-taxxa dovuta tkunx tħallset.

19. Eżaminati l-provvedimenti legali applikabbli imiss ngħaddu sabiex naraw hemmx fondatezza legali fit-talba tal-konvenut Ellul sabiex il-Qorti tissospendi s-smiegħ.

*Is-sehem indiviż imħolli mill-Maġistrat Gawdenz Borg.*

20. L-attriċi Carmelina Borg ma hiex is-sid tal-1/60 sehem indiviż tal-fond iżda użufruttwarja u għalhekk ir-rekwiżit impost bl-Artikolu 63 ma hux applikabbli għaliha. Konsegwentement issib illi r-rikors tal-konvenut Ellul fil-konfront tal-attriċi Carmelina Borg huwa infondat.

*Is-Sehem Indiviż imħolli minn Henry Gauci Borda*.

21. L-attriċ I Angela Gauci Borda qua eredi u armla ta' żewġha Henry Gauci Borda wirtet is-sehem indiviż tagħha mertu tal-kawża odjerna u għalhekk japplika fil-konfront tagħha l-obbligu li tagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* fir-rigward tal-

wirt lilha mħolli minn żewġha inkluż tas-sehem indiviż tal-fond mertu tal-kawża odjerna.

22. Il-Qorti tosserva illi Artikolu 63 ma jagħmel l-ebda eċċezzjoni għar-regola hemm stipulata. Meta dan l-artikolu jipprovdi dwar "proċedimenti legali" ma jagħmel l-ebda eċċezzjoni għal dik ir-regola, la fl-imsemmi artikolu u lanqas f'xi artikolu ieħor tal-istess kapitolu. Kap. 364 jikwalifika bħala liġi fiskali konsiderata bħala liġi ta' ordni pubbliku u per konsegwenza għandha tingħata interpretazzjoni stretta.

23. Pero' dan ma jwassalx neċessarjament għall-konklużżjoni illi sid ta' fond huwa miżmum milli jadixxi l-qorti dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew bil-Konvenzjoni Ewropea.

24. Fil-fehma tal-Qorti meta si tratta ta' kawża dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea, Artikolu 63 tal-Kap. 364 għandu jinqara flimkien u fid-dawl tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

25. Artikolu 63 jipprovdi li kull persuna li tallega ksur ta' xi jedd fundamentali protett bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew kull persuna oħra li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju; filwaqt li Artikolu 46 jipprovdi illi kull persuna li tallega ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali sanċit bil-Konvenzjoni Ewropea jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

26. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba dwar allegat ksur ta' jedd fundamentaliu u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li jipprovdu dwar il-jeddijiet fundamentali tal-bniedem.

27. Tenut kont li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija l-liġi suprema ta' pajjizna[3], u tenut kont li l-istess Kostituzzjoni ma tipprovdi l-ebda restrizzjoni sabiex persuna tadixxi lill-qorti dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali ħlief dak li nsibu fil-proviso għas-sub inċiż 2 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni[4] u fil-proviso identiku fil-Kap. 319, din il-Qorti hi tal-fehma illi r-restrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 63 tal-Kap. 364 ma hiex applikabbli għall-kawżi ta' indoli kostituzzjonali ġialarba ma hiex kontemplata fl-istess Kostituzzjoni.

28. Dan ma jfissirx pero' li l-attriċi qed tiġi eżonerata milli tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet tal-Kap. 364.

29. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tirriżerva li tipprovdi fis-sentenza finali jekk ikun meħtieġ.

30. Fl-aħħarnett il-Qorti kkonsidrat ukoll illi fost id-diversi atturi, hija biss l-attriċi Angela Ġauci Borda li wirtet sehemha f'anqas minn għaxar snin mill-intavolar tal-kawża odjerna.  Kif rajna hija għandha biss 1/60 sehem indiviż mill-fond immobiljari.  It-talba tal-konvenut Ellul sabiex il-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża fil-konfront tal-atturi kollha ukoll ma ssibx fondament legali tenut kont illi l-atturi l-oħra li bejniethom għandhom 59/60 sehem indiviż ta' proprjeta' jew ta' tgawdija ma humiex milquta bid-dispost tal-artikolu 63 tal-Kap. 364.

[3] Art. 6, Kostituzzjoni ta' Malta

[4] "Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekktagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ir-rikors tal-konvenut Ellul tat-8 ta' Marzu, 2023.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

28 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**